

Brussell, 19 ta' Mejju 2017
(OR. en)

9057/17

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0404 (COD)

COMPET 328
MI 400
ETS 38
DIGIT 132
SOC 329
EMPL 246
CONSOM 202
CODEC 785

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.: Nru dok. Cion:	8713/17 COMPET 282 MI 365 ETS 33 DIGIT 111 SOC 300 EMPL 225 CONSOM 168 CODEC 701 5281/1/17 REV 1 COMPET 22 MI 32 ETS 3 DIGIT 6 SOC 16 EMPL 12 CONSOM 11 CODEC 36 IA 7
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar test tal-proporzjonalità qabel l-adozzjoni ta' regolamentazzjoni ġdida tal-professjonijiet - Approċċ ġenerali

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż it-test tal-proposta msemmija hawn fuq fis-suġġett kif irriżulta mil-laqgħa tal-Komitat tar-Rappreżentanti Permanenti tal-10 ta' Mejju 2017.

Is-suġġerimenti tat-test tal-Presidenza huma **b'tipa grassa ssottolinjata**, it-tħassir hu sempliċiment maqtuġh.

Il-Kunsill huwa mistieden jaqbel dwar Approċċ Ġenerali dwar dan it-test.

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar test tal-proporzjonalità qabel l-adozzjoni ta' regolamentazzjoni ġdida tal-professjonijiet

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 46, l-Artikolu 53(1) u l-Artikolu 62 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni²,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

¹ ĠU C , , p. .

² ĠU C , , p. .

Billi:

- (1) Il-libertà professjonali hija dritt fundamentali. Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea tiggarantixxi l-libertà professjonali, kif ukoll il-libertà ta' intrapriża. Il-moviment liberu tal-ħaddiema, il-libertà ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi huma prinċipji fundamentali tas-suq intern minqux fit-Trattat. Jenħtieġ ġhaldaqstant li r-regoli nazzjonali li jorganizzaw l-aċċess għall-professjonijiet regolati ma jikkostitwixxu l-ebda ostaklu mhux ġustifikat u sproporzjonat għall-eżerċitar ta' dawn id-drittijiet fundamentali.
- (2) Fejn id-dritt tal-Unjoni ma jistipulax dispożizzjonijiet speċifiċi li jarmonizzaw ir-rekwiżiti dwar l-aċċess għal professjoni regolata jew l-eżerċitar tagħha, hija l-prerogattiva tal-Istati Membri li jiddeċiedu jekk u kif għandhom jirregolaw professjoni fi ħdan il-limiti tal-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni u proporzjonalità.
- (3) Il-prinċipju ta' proporzjonalità jifforma parti mill-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni. Mill-ġurisprudenza³ isegwi li l-miżuri nazzjonali li jistgħu jostakolaw jew jirrendu inqas attraenti l-eżerċitar tal-libertajiet fundamentali ggarantiti mit-Trattat jenħtieġ li jissodisfaw erba' kundizzjonijiet; jenħtieġ li dawn ikunu ġġustifikati minn objettivi ta' interess pubbliku; jenħtieġ li dawn ikunu adatti biex jiżguraw il-ksib tal-objettiv li jsegwu; u jenħtieġ li dawn ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex dan jintlaħaq.

³ Il-Kawża C-55/94 Reinhard Gebhard vs Consiglio dell'Ordine degli avvocati e procuratori di Milano [1995] Ġabra I-4165.

- (4) Id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ li stabbiliet l-obbligu għall-Istati Membri biex jivvalutaw il-proporzjonalità tar-rekwiżiti tagħhom li jirrestrinġu l-aċċess għal professjonijiet regolati jew l-eżerċitar tagħhom u sabiex jikkomunikaw lill-Kummissjoni r-riżultati tal-valutazzjoni, li tniedi dak li jissejjaħ proċess ta' evalwazzjoni reċiproka. Dak il-proċess kien ifisser li l-Istati Membri kellhom iwettqu analiżi tal-leġislazzjoni kollha tagħhom dwar il-professjonijiet regolati kollha fit-territorju tagħhom.
- (5) Ir-riżultati tal-proċess ta' evalwazzjoni reċiproka wrew nuqqas ta' ċarezza fir-rigward tal-kriterji li għandhom jintużaw mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti huma u jevalwaw il-proporzjonalità tar-rekwiżiti li jillimitaw l-aċċess għal professjonijiet regolati jew l-eżerċitar tagħhom, kif ukoll l-iskrutinju irregolari ta' tali miżuri fuq il-livelli kollha ta' regolamentazzjoni. Sabiex tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq intern u jiġu eliminati l-ostakli għall-bidu u t-twettiq ta' ċerti attivitajiet ta' impjegati jew ta' persuni li jaħdmu għal rashom, huwa għalhekk meħtieġ li jiġi stabbilit approċċ komuni fil-livell tal-Unjoni, li jipprevjeni l-adozzjoni ta' miżuri sproporzjonati.
- (6) Fil-Komunikazzjoni tagħha tat-28 ta' Ottubru 2015: "Naġġornaw is-Suq Uniku: opportunitajiet aktar għaċ-ċittadini u għan-negozju"⁵, il-Kummissjoni identifikat il-ħtieġa li jiġi adottat qafas tal-proporzjonalità analitiku għall-Istati Membri biex jużawh meta jirrevedu r-regolamenti eżistenti tal-professjonijiet jew jipproponu oħrajn ġodda.
- (7) L-attivitajiet koperti b'din id-Direttiva jenħtieġ li jikkonċernaw il-professjonijiet regolati li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2005/36/KE. **Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, it-terminu "professjoni regolata" għandha tirreferi kemm għal professjonijiet irregolati eżistenti kif definiti fid-Direttiva 2005/36/KE kif ukoll għal professjonijiet li l-Istati Membri qed jikkunsidraw li jirregolaw bir-riżultat li dawn jispiċċaw jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' "professjoni regolata" fid-Direttiva 2005/36/KE.** Din id-Direttiva għandha tapplika flimkien mad-Direttiva 2005/36/KE u bla preġudizzju għal dispożizzjonijiet oħra stipulati f'att separat tal-Unjoni dwar l-aċċess għal, u l-eżerċitar ta' professjoni regolata partikolari.

⁴ Id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali (ĠU L 255, 30.9.2005, p.22).

⁵ COM (2015)550 final.

(7a) Din id-direttiva tistabbilixxi regoli li jenħtieġ li jiġu applikati qabel ma jiġu introdotti dispożizzjonijiet leġislattivi, regolatorji jew amministrattivi ġodda jew qabel ma jiġu emendati dawk eżistenti li jillimitaw l-aċċess għal professjonijiet regolati jew l-eżerċitar tagħhom. Dispożizzjonijiet li ma jkunux jirrestrinġu l-aċċess għal professjonijiet regolati jew l-eżerċitar tagħhom, pereżempju l-emendi editorjali jew l-adattamenti tekniċi tal-kontenut tal-korsijiet ta' taħriġ, ma għandhomx jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva.

(7b) Meta l-Istati Membri jittrasponu rekwiżiti speċifiċi li jikkonċernaw ir-regolamentazzjoni ta' professjoni speċifika stabbilita f'att separat tal-Unjoni, jenħtieġ li l-valutazzjoni tal-proporzjonalità kif stabbilita f'dispożizzjonijiet speċifiċi ta' din id-direttiva ma tiġix applikata. Minkejja dan, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-monitoraġġ, l-informazzjoni u r-rekwiżiti ta' trasparenza kif stabbiliti f'din id-direttiva jibqgħu applikabbli.

(8) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jserrħu fuq qafas regolatorju komuni bbażat fuq kunċetti legali definiti b'mod ċar li jikkonċernaw il-modi differenti biex tiġi regolata professjoni fl-Unjoni kollha. Hemm diversi modi biex tiġi regolata professjoni, pereżempju billi l-aċċess għal jew it-tweġġ ta' attività partikolari jkunu riżervati għal detenturi ta' kwalifika professjonali. Id-dispożizzjonijiet nazzjonali jistgħu wkoll jirregolaw wieħed mill-modi ta' eżerċitar ta' professjoni fl-istabbiliment tal-kundizzjonijiet għall-użu ta' titoli professjonali.

(9) L-oneru tal-prova ta' ġustifikazzjoni u ta' proporzjonalità jinsab fuq l-Istati Membri. Ir-raġunijiet għar-regolamentazzjoni invokati minn Stat Membru permezz ta' ġustifikazzjoni jenħtieġ għalhekk li jiġu akkumpanjati minn analiżi tal-adegwatezza u tal-proporzjonalità tal-miżura adottata mill-Istat u minn evidenza speċifika li tissostanzja l-argument tiegħu, **b'kont meħud taċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' dak l-Istat Membru. Il-materjal li jakkumpanja dispożizzjonijiet li jkun għadhom kif ġew introdotti jew dawk emendati jenħtieġ li jinkludi spjegazzjoni li tkun iddettaljata biżżejjed biex l-evalwazzjoni tal-konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità tkun possibbli.**

- (10) Huwa xieraq li l-proporzjonalità ta' [...] dispożizzjonijiet **ġodda jew emendati** li jillimitaw l-aċċess għal professjonijiet regolati jew l-eżerċitar tagħhom tiġi sorveljata **wara l-adozzjoni** [...]. Reviżjoni tal-proporzjonalità tal-leġislazzjoni nazzjonali restrittiva fil-qasam tal-professjonijiet regolati jenħtieġ li tkun ibbażata mhux biss fuq l-oġġettiv ta' din il-leġislazzjoni fil-mument tal-adozzjoni tagħha, iżda wkoll fuq l-effetti tal-leġislazzjoni, ivvalutati wara l-adozzjoni tagħha. Il-valutazzjoni tal-proporzjonalità tal-leġislazzjoni nazzjonali jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-iżviluppi li jkunu nstabu li seħħew fil-qasam **tal-professjoni regolata** minn mindu tkun ġiet adottata l-leġislazzjoni.
- (11) Jenħtieġ li l-Istati Membri jwettqu valutazzjonijiet tal-proporzjonalità, **inkluż fejn professjoni tkun regolata b'mod indirett billi korp professjonali partikolari jingħata s-setgħa li jagħmel dan**, b'mod oġġettiv u indipendenti, **b'kont meħud tal-osservazzjonijiet [...]oġġettivi. L-Istati Membri jistgħu jiksibu tali opinjonijiet minn kwalunkwe korp li huma jikkunsidraw rilevanti u kapaċi li jipprovdi tali opinjonijiet, inkluż korpi eżistenti li huma parti mill-proċess leġislattiv nazzjonali.** [...] **Dan huwa partikolarment importanti f'każijiet fejn** [...] il-valutazzjoni **issir minn** [...] awtoritajiet lokali, korpi regolatorji jew organizzazzjonijiet professjonali, li l-prossimità akbar tagħhom għall-kundizzjonijiet lokali u l-għarfien speċjalizzat jistgħu f'ċerti każi jpoġġuhom f'pożizzjoni aħjar biex jidentifikaw l-aħjar mod biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' interess pubbliku, **u** [...] fejn l-għażla politika magħmula minn dawk l-awtoritajiet jew korpi ttipprovdi benefiċċji għall-operaturi stabbiliti b'detriment għall-parteċipanti ġodda fis-suq.

(12) Fejn il-bidu u t-twettiq ta' ċerti attivitajiet ta' impjegati jew persuni li jaħdmu għal rashom jiddependu fuq il-konformità ma' ċerti dispożizzjonijiet marbuta mal-kwalifiki professjonali speċifiċi, stabbiliti direttament jew indirettament mill-Istati Membri, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li dawn id-dispożizzjonijiet huma ġġustifikati mill-oġġettivi ta' interess pubbliku, bħal dawk fi ħdan it-tifsira tat-Trattat, jiġifieri l-ordni pubbliku, is-sigurtà pubblika u s-saħħa pubblika jew minn raġunijiet prevalenti ta' interess ġenerali, rikonoxxuti bħala tali fil-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja **u li jistgħu jkomplu jevolvu**. Huwa importanti li jiġi żgurat li l-oġġettivi ta' interess pubbliku jkunu identifikati b'mod xieraq sabiex tiġi ddeterminata l-intensità tar-regolamentazzjoni. Pereżempju, sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika, l-Istati Membri jenħtieġ li jgawdu minn marġni ta' diskrezzjoni biex jiddeċiedu dwar il-livell ta' protezzjoni li huma jixtiequ jagħtu lis-saħħa pubblika u l-mod li bih għandha tinkiseb dik il-protezzjoni. Huwa neċessarju wkoll li jiġi ċċarat li fost ir-raġunijiet prevalenti ta' interess ġenerali, rikonoxxuti mill-Qorti tal-Ġustizzja, hemm il-preservazzjoni tal-bilanċ finanzjarju tas-sistema tas-sigurtà soċjali; il-protezzjoni tal-konsumatur, tar-riċevituri ta' servizzi u tal-ħaddiema; is-salvagwardja tal-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja; l-ekwità fi tranżazzjonijiet kummerċjali; il-ġlieda kontra l-frodi u l-prevenzjoni tal-evazzjoni u l-evitar tat-taxxa; [...] sikurezza tat-**trasport**; il-protezzjoni tal-ambjent u tal-ambjent urban; is-saħħa tal-annimali; il-proprjetà intellettuali; is-salvagwardja u l-konservazzjoni tal-wirt storiku u artistiku nazzjonali, l-oġġettivi tal-politika soċjali u l-oġġettivi tal-politika kulturali. Skont ġurisprudenza stabbilita, raġunijiet purament ekonomiċi, li għandhom miri essenzjalment protezzjonisti, kif ukoll raġunijiet purament amministrattivi, bħat-twettiq ta' kontrolli jew il-ġbir ta' statistika, ma jistgħux jikkostitwixxu raġuni prevalenti ta' interess ġenerali.

(12a) Huwa f'idejn l-Istati Membri li jiddeċiedu dwar il-livell ta' protezzjoni li huma jixtiequ jagħtu lill-oġġettivi ta' interess pubbliku u l-mod proporzjonat li bih dan il-livell għandu jintlaħaq. Il-fatt li Stat Membru wieħed jimponi regoli inqas stretti minn Stat Membru ieħor ma jfissirx li r-regoli ta' dan tal-aħħar huma sproporzjonati u għaldaqstant inkompatibbli mad-dritt tal-UE.

- (13) Fejn Stat Membru beħsiebu jirregola professjoni jew jemenda regoli eżistenti, jenħtieġ li jieħu kont tan-natura tar-riskji relatati mal-objettivi ta' interess pubbliku segwiti, b'mod partikolari r-riskji għall-konsumaturi, għall-professjonisti jew partijiet terzi. Jeħtieġ li jiġi mfakkar ukoll li, fil-qasam tas-servizzi professjonali, normalment ikun hemm nuqqas ta' asimetrija ta' informazzjoni bejn il-konsumaturi u l-professjonisti. Il-professjonisti juru livell għoli ta' għarfien tekniku li l-konsumaturi jista' ma jkollhomx u l-konsumaturi għalhekk isibuha diffiċli biex jiġġudikaw il-kwalità tas-servizzi pprovduti lilhom. **li xorta jista' jkun il-każ minkejja t-tnaqqis potenzjali fl-asimetrija tal-informazzjoni bejn il-professjonisti u min jirċievi s-servizz bħala riżultat ta' żviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi.**
- (14) Biex tissodisfa r-rekwiżit ta' proporzjonalità, jenħtieġ li l-miżura tkun adatta sabiex tiggarantixxi l-ksib tal-objettiv imfittex. Jenħtieġ li miżura tiġi kkunsidrata xierqa sabiex tiggarantixxi l-ksib tal-objettiv imfittex biss jekk, tabilħaqq, hija tirrifletti għan li jinkiseb l-objettiv b'mod koerenti u sistematiku, pereżempju fejn riskji simili relatati ma' ċerti attivitajiet huma indirizzati b'mod komparabbli u fejn kwalunkwe eċċezzjonijiet għar-restrizzjonijiet involuti huma applikati b'konformità mal-objettiv iddikjarat. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-miżura nazzjonali tikkontribwixxi biex jintlaħaq l-objettiv segwit u għalhekk, fejn ma jkollha l-ebda effett fuq il-bażi għal ġustifikazzjoni, jenħtieġ li ma tiġix ikkunsidrata bħala xierqa.
- (15) Rekwiżiti marbuta mal-kwalifika professjonali jenħtieġ li jitqiesu bħala meħtieġa biss meta l-miżuri eżistenti, bħal-liġi tal-protezzjoni tal-konsumatur, ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala adatti jew ġenwinament effettivi biex jinkiseb l-objettiv imfittex.
- (16) Fost l-elementi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali, dawn li ġejjin huma tal-akbar rilevanza: ir-rabta bejn il-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet professjonali koperti minn professjoni u l-kwalifika professjonali meħtieġa; il-kumplessità tal-kompiti b'mod partikolari fir-rigward tal-livell, in-natura u t-tul tat-taħriġ jew l-esperjenza meħtieġa; l-eżistenza ta' rotot differenti biex tinkiseb il-kwalifika professjonali; il-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet professjonali, riżervat għal titolari ta' kwalifika professjonali partikolari, u b'mod partikolari jekk l-attivitajiet riżervati għal ċerti professjonisti jistgħux jiġu kondiviżi ma' professjonisti oħra; il-grad ta' awtonomija fl-eżerċitar ta' professjoni regolata b'mod partikolari fejn l-attivitajiet relatati ma' professjoni regolata jkunu mwettqa taħt il-kontroll u r-responsabbiltà ta' professjonist kwalifikat kif suppost.

- (17) Meta Stat Membru jirregola professjoni, jenħtieġ li jittieħed kont tal-fatt li l-iżviluppi teknoloġiċi jistgħu jnaqqsu l-asimmetrija tal-informazzjoni bejn il-konsumaturi u l-professjonisti. Minħabba l-ħeffa tal-bidla teknoloġika u l-progress xjentifiku, aġġornamenti fir-rekwiżiti għall-aċċess jistgħu jkunu ta' importanza partikolari għal numru ta' professjonijiet.
- (18) L-impatt ekonomiku tal-miżura, [...] b'attenzjoni partikolari għall-**kwalità tas-servizz li jingħata**, [...] il-kompetizzjoni fis-suq [...], kif ukoll l-impatt fuq id-dritt għax-xogħol u fuq il-moviment liberu tal-persuni u s-servizzi fl-Unjoni, jenħtieġ li jkunu kkunsidrati kif xieraq mill-[...] **Istati Membri**. Abbażi ta' din l-analiżi, l-Istati Membri jenħtieġ li jaraw, b'mod partikolari, jekk l-estent tar-restrizzjoni tal-aċċess għal professjonijiet regolati jew l-eżerċitar tagħhom [...] huwiex proporzjonat mal-importanza tal-oġġettivi segwiti u l-kisbiet mistennija.
- (19) Jenħtieġ li l-Istati Membri jwettqu paragun bejn il-miżura nazzjonali inkwistjoni u l-alternattiva u s-soluzzjonijiet inqas restrittivi li jippermettu li jintlaħaq l-istess oġġettiv filwaqt li jimponu inqas restrizzjonijiet. Fejn il-miżuri huma ġustifikati mill-ħarsien tal-konsumatur u fejn ir-riskji identifikati huma limitati għar-relazzjoni bejn il-professjonist u l-konsumatur mingħajr ma jaffettwaw b'mod negattiv partijiet terzi, l-oġġettiv jista' jintlaħaq b'mezzi inqas restrittivi mir-riżervazzjoni tal-attivitajiet għall-professjonisti[...]. [...].

(20) [...] **L-Istati Membri** jenħtieġ li jwettqu valutazzjoni [...] **ġenerali** taċ-ċirkostanzi li taħtom huwa adottat u implimentat ir-[...] **rekwiżit** u jeżaminaw b'mod partikolari l-effett [...] tal-impożizzjoni ta' diversi rekwiżiti **meħuda flimkien** minbarra l-kwalifika professjonali speċifika. Il-bidu u t-twettiq ta' ċerti attivitajiet jistgħu jiddependu fuq il-konformità ma' ċerti dispożizzjonijiet bħal regoli relatati mal-organizzazzjoni tal-professjoni, is-sħubija obligatorja ta' korp professjonali, l-etika professjonali, is-superviżjoni u r-responsabbiltà. Għalhekk, meta jevalwaw l-effett [...] tal-miżuri **ġodda jew emendati**, l-[...] **Istati Membri** jenħtieġ li jqisu wkoll **l-effett ikkombinat ta' dawk il-miżuri ma'** rekwiżiti oħra eżistenti, bħall-iżvilupp kontinwu professjonali, is-sħubija obligatorja ma' kamra, l-iskemi ta' reġistrazzjoni jew ta' awtorizzazzjoni, ir-restrizzjonijiet kwantitattivi, ir-rekwiżiti speċifiċi ta' forma legali u r-rekwiżiti tal-parteeipazzjoni azzjonarja, ir-restrizzjonijiet territorjali, ir-restrizzjonijiet multidixxiplinarji u r-regoli tal-inkompatibbiltà, ir-rekwiżiti li jikkonċernaw il-kopertura ta' assigurazzjoni kif ukoll ir-rekwiżiti ta' għarfien tal-lingwa, sal-punt meħtieġ biex jipprattikaw il-professjoni. **Meta jagħmlu dan, ir-rekwiżiti eżistenti li mhumiex qed jiġu emendati ma jkunux soġġetti għal valutazzjoni ġdida ta' proporzjonalità.** Miżura introdotta minn Stat Membru ma tistax tiġi kkunsidrata bħala neċessarja sabiex jintlaħaq l-oġettiv imfittex jekk essenzjalment tidduplika r-rekwiżiti li jkunu diġà ġew introdotti fil-kuntest ta' regoli jew proċeduri oħra.

- (20a) L-introduzzjoni ta' rekwiżiti addizzjonali tista' tipprovdi valur miżjud għall-oġettiv fir-rigward ta' oġettiv ta' interess pubbliku u l-fatt li l-effett ikkombinat tagħhom jenħtieġ li jiġi vvalutat ma jfissirx li dawk ir-rekwiżiti huma sproporzjonati. Pereżempju, rekwiżiti għal żvilupp professjonali kontinwu jistgħu jkunu adatti biex jiżguraw li l-professionisti jżommu ruħhom aġġornati dwar l-iżviluppi fl-oqsma rispettivi tagħhom, filwaqt li jikkontribwixxu għal Prattika sigura fi professjonijiet fejn hemm riskji partikolari, u meta dawn ikunu jkopru żviluppi tekniċi, xjentifiċi, regolatorji u etiċi, u jimmotivaw lill-professionisti biex jipparteċipaw f'taġħlim tul il-ħajja rilevanti għall-professjoni tagħhom; filwaqt li għal xi professjonijiet fejn ikun meħtieġ u xieraq biex jintlaħaq l-oġettiv tal-interess pubbliku, is-sħubija obligatorja fil-kamra tista' titqies li hija xierqa biex tiġi żgurata superviżjoni adegwata.**
- (20b) Il-kriterji tal-proporzjonalità kif stabbiliti f'din id-Direttiva jistgħu jiġu applikati sal-limitu u l-livell ta' intensità xierqa matul valutazzjoni ta' proporzjonalità mwettqa qabel ma jiġu introdotti dispożizzjonijiet ġodda, jew ma jiġu emendati dawk eżistenti. Il-limitu u l-livell ta' intensità applikati matul il-valutazzjoni jenħtieġ li jkunu proporzjonati għall-kontenut tad-dispożizzjoni li tkun qed tiġi introdotta u l-impatt tagħha.**
- (21) Huwa essenzjali għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern li jiġi żgurat li l-Istati Membri jipprovdu informazzjoni [...] lill-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi jew lil partijiet ikkonċernati rilevanti oħra qabel ma jiġu introdotti miżuri ġodda **jew qabel ma jiġu emendati dawk eżistenti** li jillimitaw l-aċċess għal professjonijiet regolati jew l-eżerċitar tagħhom u li tingħatalhom l-opportunità jesprimu l-fehmiet tagħhom.
- (22) [...] **Sabiex l-Istati Membri jiġu mħeġġa jikkondividu l-informazzjoni adegwata u aġġornata b'mod regolari dwar ir-regolamentazzjoni tal-professionijiet, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prassi fost l-Istati Membri, inkluż il-mod partikolari kif l-Istati Membri jirregolaw professjoni u l-effetti ta' tali regolamentazzjoni.** [...]

- (23) Sabiex tiżdied it-trasparenza u jiġu promossi l-valutazzjonijiet tal-proporzjonalità bbażati fuq kriterji komparabbli, huwa importanti li l-informazzjoni ppreżentata mill-Istati Membri tkun aċċessibbli faċilment fil-bażi tad-data tal-professjonijiet regolati sabiex dan jippermetti lill- [...] **Istati Membri** jressqu l-kummenti.
- (24) Peress li l-oġġettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri t-tneħħija ta' restrizzjonijiet sproporzjonati fuq l-aċċess għal professjonijiet regolati jew l-eżerċitar tagħhom, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu pjuttost, minħabba l-iskala tal-azzjoni, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif ipprovdut f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawn l-oġġettivi,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Suġġett

Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli dwar qafas komuni għat-twettiq ta' valutazzjonijiet tal-proporzjonalità qabel l-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet leġislattivi, regolatorji jew amministrattivi ġodda, **jew l-emendar ta' daww eżistenti**, li jillimitaw l-aċċess għal professjonijiet regolati jew l-eżerċitar tagħhom [...], bl-għan li jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għad-**dispożizzjonijiet leġislattivi, regolatorji jew amministrattivi** [...] tal-Istati Membri li jirrestrinġu l-aċċess għal professjoni regolata jew l-eżerċitar tagħha, jew wieħed mill-modi tal-eżerċitar tagħha, inkluż l-użu ta' titoli professjonali u l-attivitajiet professjonali permessi skont dan it-titolu, li jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2005/36/KE.
2. **Sa fejn l-Istati Membri jittrasponu** [...] rekwiżiti [...] **speċifiċi** li jikkonċernaw ir-regolamentazzjoni ta' professjoni speċifika **kif iddettaljata** [...] f'att separat tal-Unjoni [...] **l-Artikoli 4, 5 u 6, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 4(4), ta' din id-Direttiva ma għandhomx japplikaw. Il-paragrafu ma għandux japplika għar-rekwiżiti stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni li jagħtu lill-Istati Membri l-għażla dwar il-mod preċiż ta' kif dawn għandhom jiġu trasposti.**

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-fini ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet tad-Direttiva 2005/36/KE **bil-fehim li t-terminu “professjoni regolata” għandu jirreferi kemm għall-professjonijiet regolati eżistenti kif ukoll għall-professjonijiet li l-Istati Membri qed jikkunsidraw li jirregolaw.**

Barra minn hekk, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) “titolu professjonali protett” tfisser forma ta' regolamentazzjoni ta' professjoni fejn l-użu tat-titolu f'attività professjonali jew grupp ta' attivitajiet professjonali huwa soġġett għal kwalifika professjonali partikolari fil-qasam rilevanti bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet leġislattivi, regolatorji jew amministrattivi, jew direttament, jew inkella indirettament, u fejn l-użu mhux xieraq ta' dan it-titolu huwa soġġett għal sanzjonijiet [...].

- (b) “attivitàjiet riżervati” tfisser forma ta’ regolamentazzjoni ta’ professjoni fejn l-aċċess għal attività professjonali jew grupp ta’ attivitàjiet professjonali huwa riżervat, b’mod dirett jew indirett, permezz ta’ dispożizzjonijiet leġislattivi, regolamentari jew amministrattivi għal membri ta’ professjoni regolata, inkluż meta l-attività hija maqsuma ma’ professjonijiet regolati oħrajn.

Artikolu 4

Valutazzjoni ex ante ta’ miżuri ġodda u monitoraġġ

1. L-Istati Membri għandhom [...] **iwettqu valutazzjoni tal-proporzjonalità f’konformità mar-regoli stabbiliti f’din id-Direttiva u** qabel l-introduzzjoni ta’ dispożizzjonijiet leġislattivi, regolatorji jew amministrattivi ġodda, **jew l-emendar ta’ dawk eżistenti**, li jillimitaw l-aċċess għal professjonijiet regolati jew l-eżerċitar tagħhom [...].
2. Kwalunkwe dispożizzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun akkumpanjata minn [...] **spjegazzjoni** li tippermetti evalwazzjoni tal-konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità.
3. Ir-raġunijiet biex jitqies li dispożizzjoni tkun ġġustifikata [...] u proporzjonata għandhom jiġu sostanzjati b’mezzi kwalitattivi u, fejn ikun possibbli[...] **u rilevanti, kwantitattivi, b’kont meħud taċ-ċirkostanzi speċifiċi ta’ dak l-Istat Membru**.
4. L-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw il-proporzjonalità tad-dispożizzjonijiet leġislattivi, regolatorji jew amministrattivi **ġodda jew emendatili** jillimitaw l-aċċess għal professjonijiet regolati jew l-eżerċitar tagħhom [...] **wara l-adozzjoni**, [...] b’kunsiderazzjoni dovuta għal kwalunkwe żvilupp li jkun seħħ mill-adozzjoni tal-miżura kkonċernata ’l hawn.

5. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-valutazzjoni tal-proporzjonalità msemmija fil-paragrafu 1 titwettagħ b'mod oġġettiv u indipendenti[...] **b'kunsiderazzjoni dovuta** [...] tal- [...] **osservazzjonijiet** [...] **oġġettivi**.

Artikolu 5

Ġustifikazzjoni għall-oġġettivi ta' interess pubbliku

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dispożizzjonijiet leġislattivi, regolatorji jew amministrattivi li jillimitaw l-aċċess għal professjonijiet regolati jew l-eżerċitar tagħhom li jkunu beħsiebhom jintroduċu u l-emendi li jkunu beħsiebhom jagħmlu għad-dispożizzjonijiet eżistenti jkunu ġustifikati minn oġġettivi ta' interess pubbliku.
2. [...] **L-Istati Membri** għandhom jikkunsidraw b'mod partikolari jekk dawn id-dispożizzjonijiet humiex oġġettivament ġustifikati abbażi tal-ordni pubbliku, tas-sigurtà pubblika jew tas-saħħa pubblika, jew minn raġunijiet prevalenti ta' interess pubbliku, bħall-preservazzjoni tal-bilanċ finanzjarju tas-sistema tas-sigurtà soċjali, il-protezzjoni tal-konsumaturi, ir-riċevituri ta' servizzi u l-ħaddiema, is-salvagwardja tal-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, l-ekwità fi tranżazzjonijiet kummerċjali, il-ġlieda kontra l-frodi u l-prevenzjoni tal-evażjoni u l-evitar tat-taxxa, is-sigurtà [...] **tat-trasport**, il-ħarsien tal-ambjent u l-ambjent urban, is-saħħa tal-annimali, il-proprietà intellettuali, is-salvagwardja u l-konservazzjoni tal-wirt storiku u artistiku nazzjonali, l-oġġettivi ta' politika soċjali u l-oġġettivi ta' politika kulturali.
3. Raġunijiet ta' natura purament ekonomika [...] jew raġunijiet purament amministrattivi ma għandhomx jikkostitwixxu raġunijiet prevalenti ta' interess pubbliku, li jiġġustifika restrizzjoni fuq l-aċċess għal professjonijiet regolati jew l-eżerċitar tagħhom.

Proporzjonalità

1. Qabel ma jiġu introdotti dispożizzjonijiet legiſlattivi, regolatorji jew amministrattivi ġodda, **jew l-emendar ta' dawk eżistenti**, li jillimitaw l-aċċess għal professjonijiet regolati jew l-eżerċitar tagħhom [...], l-Istati Membri għandhom jivvalutaw jekk dawk id-dispożizzjonijiet humiex adatti [...] sabiex jiggarrantixxu l-ksib tal-oġġettiv imfittex u ma jmorrux lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkiseb dak l-oġġettiv.
2. Meta **l-Istati Membri jivvalutaw** [...] il-hteġa u l-proporzjonalità tad-dispożizzjonijiet, il-**limitu tal-valutazzjoni għandu jkun proporzjonat għall-kontenut u l-impatt tad-dispożizzjoni**. [...]

L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw:

- (a) in-natura tar-riskji relatati mal-oġġettivi ta' interess pubbliku segwiti, b'mod partikolari r-riskji għall-**dawk li jirċievu s-servizz inkluż il-konsumaturi**, għall-professjonisti jew partijiet terzi;
- (b) l-adekwatezza tad-dispożizzjoni [...] sabiex jinkiseb l-oġġettiv imfittex[...];

(ba) jekk id-dispożizzjoni tirriflettix b'mod ġenwin l-oġġettiv imfittex b'mod konsistenti u sistematiku;

- (c) il-hteġa tad-dispożizzjoni u b'mod partikolari jekk ir-regoli ta' natura speċifika jew iżjed ġenerali, bħal-leġislazzjoni dwar is-sigurtà tal-prodotti jew il-liġi tal-protezzjoni tal-konsumatur eżistenti, humiex biżżejjed biex jipproteġu l-oġġettiv segwit;

- (ca) l-impatt ekonomiku tal-miżura, b'attenzjoni partikolari għall-grad ta' kompetizzjoni fis-suq u l-kwalità tas-servizz ipprovdut, kif ukoll l-impatt fuq il-moviment liberu tal-persuni u s-servizzi fi ħdan l-Unjoni;**
- (cb) il-possibilità li jintużaw mezzi inqas restrittivi sabiex jintlaħaq l-oġġettiv ta' interess pubbliku; fejn ir-riskji identifikati huma limitati għar-relazzjoni bejn il-professionist u l-konsumatur mingħajr ma jaffettwaw b'mod negattiv partijiet terzi, l-Istati Membri għandhom jevalwaw b'mod partikolari jekk l-oġġettiv jistax jintlaħaq b'mezzi oħra barra mir-riżervazzjoni tal-attivitajiet;**
- (cc) l-effett tad-dispożizzjonijiet ġodda jew emendati meta kkombinata ma' rekwiżiti oħrajn li jillimitaw l-aċċess għall-professjoni jew l-eżerċitar tagħha, u b'mod partikolari kif id-dispożizzjonijiet ġodda jew emendati, ikkombinati ma' rekwiżiti oħrajn, jikkontribwixxu għall-istess oġġettiv ta' interess pubbliku, u jekk dawn humiex meħtieġ biex jinkiseb dan.**

L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw ukoll l-elementi li ġejjin meta dawn ikunu rilevanti għad-dispożizzjoni li tkun qed tiġi introdotta jew emendata:

- (d) ir-[...] **relazzjoni** bejn il-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet koperti minn professjoni jew riżervati għaliha u l-kwalifika professjonali meħtieġa;
- (e) ir-[...] **relazzjoni** bejn il-kumplessità tal-kompiti u l-pussess meħtieġ ta' kwalifiki professjonali speċifiċi, b'mod partikolari fir-rigward tal-livell, in-natura u t-tul tat-taħriġ jew l-esperjenza meħtieġa[...];

(ea) il-possibbiltà li tinkiseb kwalifika professjonali permezz ta' rotot alternattivi;

- (f) [...] jekk u għaliex l-attivitajiet riżervati għal ċerti professjonijiet jistgħu jew ma jistgħux ikunu kondiviżi ma' professjonijiet oħra;
- (g) il-grad ta' awtonomija fl-eżerċitar ta' professjoni regolata u l-impatt tal-arranġamenti organizzattivi u superviżorji fuq il-kisba tal-oġettiv segwit, b'mod partikolari meta l-attivitajiet relatati ma' professjoni regolata jkunu mwettqa taħt il-kontroll u r-responsabbiltà ta' professjonist kwalifikat kif suppost;
- (h) l-iżviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi li jistgħu jnaqqsu **effettivament** l-asimmetrija tal-informazzjoni bejn il-professjonisti u l-konsumaturi;
- (i) [...];
- (j) [...];
- (k) [...].

3. [...]

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 2([...]cc), [...] **I-Istati Membri** għandhom jevalwaw [...] l-effett [...] **tad-dispożizzjoni ġdida jew emendata meta tiġi kkombinata ma' rekwiżit wieħed jew aktar [...], b'mod partikolari dawn li ġejjin:**

(a) attivitajiet riżervati[...];

(aa) titolu professjonali protett;

(b) **obbligi biex jitwettqu** rekwiżiti għal żvilupp professjonali kontinwu;

(c) regoli relatati mal-organizzazzjoni tal-professjoni, l-etika professjonali u s-superviżjoni;

(d) sħubija obbligatorja ma' kamra, skemi ta' reġistrazzjoni jew awtorizzazzjoni, b'mod partikolari fejn dawk ir-rekwiżiti jimplikaw il-pussess ta' kwalifika professjonali partikolari;

(e) restrizzjonijiet kwantitattivi, b'mod partikolari r-rekwiżiti li jillimitaw l-għadd ta' awtorizzazzjonijiet għall-prattika, jew li jiffissaw numru minimu jew massimu ta' impjegati, maniġers jew rappreżentanti li għandhom kwalifiki professjonali partikolari;

(f) rekwiżiti ta' forma legali speċifika jew rekwiżiti relatati mal-parteċipazzjoni azzjonarja jew il-ġestjoni ta' kumpanija, sa fejn dawn ir-rekwiżiti huma marbuta direttament mal-eżerċitar tal-professjoni regolata;

(g) restrizzjonijiet territorjali, [...] **inkluż** fejn il-professjoni hija regolata f'partijiet tat-territorju ta' Stat Membru b'mod differenti;

(h) rekwiżiti li jirrestrinġu l-eżerċitar ta' professjoni regolata b'mod konġunt jew bi sħab, kif ukoll regoli ta' inkompatibbiltà;

(i) rekwiżiti li jikkonċernaw il-kopertura tal-assigurazzjoni jew mezzi oħra ta' kopertura personali jew **protezzjoni** kollettiva li jirrigwardaw ir-responsabbiltà professjonali;

(j) rekwiżiti ta' għarfien tal-lingwa, sal-punt meħtieġ biex tiġi prattikata l-professjoni.

Artikolu 7

Informazzjoni u involviment tal-partijiet ikkonċernati

L-Istati Membri għandhom, b'mezzi xierqa, [...] **iqiegħdu informazzjoni għad-dispożizzjoni ta'** [...] dawk li jirċievi s-servizz, [...] u partijiet ikkonċernati rilevanti **oħra inkluż dawk li mhumiex** [...]membri tal-professjoni qabel ma jintroduċu dispożizzjonijiet legiſlattivi, regolatorji jew amministrattivi ġodda, **jew l-emendar ta' dawk eżistenti**, li jillimitaw l-aċċess għal professjonijiet regolati jew l-eżerċitar tagħhom[...] u jagħtuhom l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom. **Għal dan l-għan, l-Istati Membri jistgħu jużaw proċeduri nazzjonali.**

Artikolu 8

*L-iskambju ta' informazzjoni bejn [...] **l-Istati Membri***

1. Għall-finijiet tal-applikazzjoni effiċjenti ta' din id-Direttiva, [...] **il-Kummissjoni** għandha[...] **tiffaċilita** l-iskambju ta' informazzjoni [...] **fost** [...]l-Istati Membri dwar kwistjonijiet koperti minn din id-Direttiva, [...] **kif ukoll il**-mod partikolari li jirregolaw professjoni jew l-effetti ta' **tali** regolamentazzjoni [...].
2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bl-awtoritajiet [...] **pubbliċi** responsabbli għat-trażmissjoni u l-wasla ta' informazzjoni għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-paragrafu 1.

Artikolu 9

Trasparenza

1. Ir-raġunijiet biex jitqies li d-dispożizzjonijiet, valutati skont din id-Direttiva, huma ġustifikati[...] u proporzjonati, u li huma kkomunikati lill-Kummissjoni skont il-paragrafu [...] 5 [...] tal-Artikolu 59 tad-Direttiva 2005/36/KE, għandhom jiġu reġistrati mill-**Istati Membri** fil-bażi tad-data tal-professjonijiet regolati, imsemmija fl-Artikolu 59(1) tad-Direttiva 2005/36/KE, u wara jiġu pubblikati mill-Kummissjoni **ħlief fil-każ ta' talba diretta mill-Istat Membru kkonċernat li ma jirrendix dawn ir-raġunijiet disponibbli pubblikament. Kwalunkwe talba bħal din għandha tiġi appoġġata b'raġunijiet.**
2. L-Istati Membri [...] jistgħu jissottomettu kummenti **dwar id-dispożizzjonijiet u r-raġunijiet għaliex daww id-dispożizzjonijiet huma ġġustifikati u proporzjonati** lill-Kummissjoni jew lill-Istat Membru li jkun [...] **ikkomunika** d-dispożizzjonijiet.

Artikolu 10

Reviżjoni

1. Sat-18 ta' Jannar 2024 u darba kull ħames snin minn dakinhar 'l hemm, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, inkluż, fost aspetti oħra, il-kamp ta' applikazzjoni tagħha u l-effettività tagħha.
2. Fejn xieraq, ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun akkumpanjat minn proposti rilevanti.

Artikolu 11

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn **24 xahar**. Dawn għandhom jgħaddu t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni minnufih.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn referenza ta' dan it-tip fil-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir din ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 12

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl- [għoxrin] jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 13

Id-destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President